MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GIANNINO CARUANA DEMAJO

Seduta tat-22 ta' Gunju, 2006

Citazzjoni Numru. 2036/1999/1

**Kummissarju ta' l-Art**

***Versus***

**Raymond u Carmen Bonavia**

F'din il-kawża l-attur fittex li jieħu lura biċċa art proprjetà tiegħu li iżda kienet f'idejn il-konvenuti. B'sentenza tat-22 ta' Ġunju 2004, fejn huma mfissra t-talbiet ta' l-attur u l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti, il-qorti kienet sabet illi l-konvenuti tassew okkupaw biċċa strixxa ta' art, proprjetà ta' l-attur, li qiegħda bejn l-art tal-konvenuti u t-triq pubblika. Billi iżda sabet ukoll illi l-konvenuti setgħu jiksbu l-proprjetà ta' l-art okkupata minnhom taħt l-art. 571 tal-Kodiċi Ċivili, ħatret perit tekniku sabiex jagħmel stima tal-valur tal-wiċċ ta' l-art okkupata sabiex l-attur jitħallas kumpens kif irid dak l-artikolu.

Il-perit irrelata fil-11 ta’ Jannar 2005[1] u sab illi l-wiċċ ta’ l-art ta’ l-attur illi l-konvenuti kisbu b’aċċessjoni jiswa għaxart elef lira (Lm10,000) skond stima magħmula kif irid l-art. 571.
Għal dawn ir-raġunijiet il-qorti taqta’ l-kawża u tiddisponi kemm mit-talbiet ta’ l-attur kif ukoll mill-eċċezzjonijiet tal-konvenuti billi tgħid illi, għalkemm l-art tal-kejl ta’ bejn wieħed u ieħor mija u tnejn u tletin metru kwadru (132m$^2$), li tmiss mil-lvant ma’ proprjetà tal-konvenuti u mill-irjieħ l-oħra ma’ Triq San Pawl, in-Naxxar, kienet proprjetà ta’ l-attur, issa nkisbet mill-konvenuti b’aċċessjoni, u għalhekk fil-waqt li tiċħad it-talba biex il-konvenuti jiġu żgumbrati mill-art, tikkundannahom iħallsu lill-attur is-somma ta’ għaxart elef lira (Lm10,000) flimkien ma’ l-ispejjeż kollha tal-kawża.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------

[1] *Foll.* 147 *et seqq.*